# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udjenza ta' 2 ta' Mejju 2024**

**Talba nru. 289/2021**

**SAINT JAMES OPERATIONS LIMITED**
**(C 93172)**

***VERSUS***

**JOSEPH VELLA**
**(KI 329254 M)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviz tat-talbaipprezentata fil-15 t'Ottubru 2021, is-socjeta attrici talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' elfejn tliet mija tlieta u tletin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (Eur 2,333.25) rapprezetanti bilanc tal-prezz ta' servizzi medici u servizzi ohra konnessi u ancillari moghtija lill-konvenut. Bl-Ispejez inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali ezekuttiva 82/2021 u bl-imghax legali.

Ra r-risposta ipprezentata mill-konvenut fit-18 ta' Jannar 2023 illi fiha eccepixxa illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u li l-konvenut qed jirrifjuta li jhallas kull bilanc dovut ghaliex qed jikkontesta l-hlas a bazi ta' ragunijiet validi.

Ra d-dokumenti pprezenati.

Sema x-xhieda.

Sema t-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri.

Ra l-atti processwali.

Ra illi din il-kawza thalliet ghas-sentenza.

<u>Provi</u>

Illi qabel dan it-Tribunal jghaddi ghal kunsiderazzjonijiet tieghu, ikun utli li ssir sintezi tal-provi mressqa mill-partijiet.

Il-konvenut gie mitlub jixhed fl-udjenza tas-7 ta' Frar 2023 fejn stqarr illi s-somma mitluba minnu huwa bilanc wara li kien ghamel intervent mediku ghand is-socjeta attrici. Jghid illi kien hallas ammont ta' flus bil-quddiem, u wara l-operazzjoni kien irvieva kont iehor. Izda l-konvenut ighid illi ma hallasx ghaliex l-operazzjoni "*li ghamluli ma gietx sewwa u jien deherli li m'ghandiex ghalfejn inhallashom. U anzi jiddispjacini ghax tajtom il-flus ta' qabel*." (Fol.25).

Il-konvenut ighid illi dahal ghand is-socjeta attrici sabiex jaghmel hip replacement. Izda wara dan l-intervent skedat, kien hemm kumplikazzjonijiet ohra u kien hemm bzonn li jsir *catheter* li eventwalment tnehha go l-isptar Mater Dei.

Fix-xhieda tieghu, l-konvenut ighid illi kien tkellem mas-surgeon Mr. Ryan Giordimaina u kien qallu, "*Le, ghaliex il-professur Giordimaina fi x'hin qomt filghodu kont ghidtlu – hawn x'ghamiltli Profs? Qalli x 'ghamiltlek? Ghidtlu gibtli sieq wahda iqsar minn l-ohra. Qalli, ha Naraha, oqghod dritt fis-sodda. Qghadt dritt fis-sodda, qalli – u iva! Qalli daqshekk ta!. . . . . u kien bghatni naghmel terapija l-Mosta.*"

Mistoqsi jekk hax xi azzjoni jew tkellimx mal-professur fuq il-kont, il-konvenut wiegeb li le.

Fl-istess udjenza xehed Albert Micallef, rapprezentant tas-socjeta attrici fejn elenka li l-konvenut kien dahal l-isptar St. James fil-25 ta' Gunju 2020 ghal operazzjoni ta' hip replacement. Waqt li kien l-isptar, il-konvenut kien gie riferut lil Mr. Andrew Mercieca, specjalista fin-newrologija minhabba kumplikazzjoni mhux prevista. Fis-7 ta' Lulju 2020, il-konvenut kien rega dahal l-isptar taht il-kura ta' Mr Andrew Mercieca ghal "*trial without catheter*" u kien gie rrilaxxat fit-8 ta' Lulju 2020.

Ghar-rigward tal-hlasijiet, ir-rapprezentant tas-socjeta attrici jghid illi fit-22 ta' Gunju 2020 kienet inghatat stima ghall-operazzjoni ibbazata fuq akkomodazzjoni ta' hamest ijiem li kienet tammonta ghal Eur 9633. Fil-25 ta' Gunju 2020, meta l-konvenut gie ammess fl-isptar kien thallas l-ammont ta' Eur 9500. Il-kont totali ghal operazzjoni tal-hip replacement ammonta ghal Eur 11,425 u dan b'rizultat tal-kumplikazzjonijiet illi nqalghu wara l-operazzjoni u l-granet mizjuda minn dak stabbilit fl-istima. Ghaldaqstant fi kliem ix-xhud, il-konvenut kellu bilanc ta' Eur 1950.25.

Fis-7 ta' Lulju 2020 il-konvenut kien rega dahal l-isptar u ghamel depozitu ta' Eur 1000.00 u l-kont totali ghal din it-tieni darba fl-isptar kien ta' Eur 1383.00, li jhalli bilanc ta' Eur 383.00. Ghaldaqstant, is-socjeta attrici qed titlob il-bilanci fiz-zewg okkazzjonijiet li jammonta ghal Eur 2333.25.

Ir-rapprezenant tas-socjeta attrici ipprezenta diversi dokumenti fosthom *it-timeline* ta' l-*admission* (Fol.31), l-istejjem (Fol.33), kontijiet (Fol.34 et seq) u korrispondenza mal-konvenut (Fol.40).

Fl-udjenza tat-13 ta' Marzu 2023, xehed Mr. Ryan Giordimaina, *orthopedic surgeon*, li kien inkarigat li jaghmel l-operazzjoni fuq il-konvenut. Ix-xhud ikkonferma li ghamel l-intervent fuq il-konvenut fl-isptar St. James u li wara l-operazzjoni kien hemm kumplikazzjoni "*jghidulha acute kidney*". (Fol.52) B'hekk sar *catheter* fuq il-konvenut b'konsultazzjoni ma' Mr. Andrew Mercieca. Ix-xhud kien ghamel *id-discharge letter* u wara ltaqa mal-konvenut f'appuntament fl-1 t'Awwissu 2020. Ix-xhud ighid, a Fol.53, " . . . . *Kont mill-ewwel ghidtlu li ha jkun hemm diskrepanza fit-tul*

*tas-saqajn u li wara irreferejtu ghal physiotherapy biex inkunu nistghu nindirizzaw it-tip ta' suletti etc.*" Ix-xhud ighid ukoll illi hija haga rikonoxxuta illi wara operazzjoni ta' *hip replacement* jista jkun hemm dizlivell fl-ammont ta' "*leg length*".

Matul il-kontro ezami, Mr. Rya Giordimaina, jghid illi fil-laqghat li jkollu mal-pazjenti, inkluz il-konvenut, huwa jispjega x'inhuma r-riskji ta' l-operazzjoni.

Xehed ukoll Mr. Andrew Mercieca, newrologista, li gie imsejjah minn Mr. Ryan Giordimaina sabiex jiehu hsieb lill-konvenut bhala pazjent minhabba l-kumplikazzjoni fil-kliewi. Ix-xhud ighid li mill-ewwel ezamijiet fuq il-konvenut, kien jidher illi "*kellu problema bl-awrina diga, kellu pressa baxxa u kellu sinjali ta' dak li ssuspettajt li hija prostata kbira.*" (Fol.78) Gie ikkonfermat ukoll illi l-konvenut kellu jidhol fis-7 ta' Lulju 2020 sabiex jaraw kif sejjer. Wara din l-okkazzjoni, ix-xhud ighid illi ma hafx x'gara ghaliex il-konvenut kien mar l-ispar Mater Dei.

Il-konvenut ipprezenta affidavit fejn ighid illi wara testijiet medici kien hemm in-necessita li ssirlu operazzjoni ta' hip replacement. Il-konvenut ighid (Fol.89) illi Mr. Giordimaina, is-surgeon, fl-ebda hin ma spjegalu r-riskji konnessi ma' l-operazzjoni partikolarment illi seta jispicca b'sieq itwal minn ohra. Ikompli jghid illi l-ghada ta' l-operazzjoni kien qam mis-sodda u induna illi kellu sieq itwal minn ohra. Is-surgeon kien infurmah illi kellu bzonn jaghmel "*inner sole*" temporanja.

Il-konvenut jikkonferma illi waqt li kien l-isptar kellu kumplikazzjoni bl-urina. Jghid illi tant kien mugugh illi wara gurnata b'dan l-ugieh kien talab li jmur l-isptar Mater Dei izda ma thalliex mir-reception u kienet intbaghtet infermiera illi qalet il-catheter u regghet poggietu. Minn dak il-hin, il-konvenut ighid illi strah u ma baqax mugugh. Wara dan l-episodju, l-konvenut gie *discharged*, izda kellu jaghmel madwar 6 gimghat bil-catheter.

Fir-rigward tal-problema f'saqajh, il-konvenut ighid illi baqa b'sieq itwal minn ohra ta' madwar 2 centimetri. Il-konvenut ighid illi li kieku kien jaf illi kien hemm dan ir-riskju li sieq tispicca itwal minn ohra, ma kienx jaghmel din l-operazzjoni izda kien jiehu iktar pariri.

Il-konvenut gie kontro-ezaminat nhar is-16 t'Ottubru 2023, fejn ikkonferma ili ma ha l-ebda azzjoni kontra Mr. Ryan Giordimaina u/jew l-ispar St. James.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi din hija kawza fejn qed jigi reklamat ammont ghal servizzi moghtija. Is-socjeta attrici bhala sptar, offriet servizz lill-konvenut li kellu bzonn jaghmel operazzjoni u ghad baqa bilanc ta' hlas li l-istess konvenut qed jirriffjuta li jaghmel minhabba difetti li rrizultaw wara l-istess operazzjoni.

Illi ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar is-servizz moghti mis-socjeta attrici lill-konvenut u cioe bid-dati illi gew sotomessi li fihom l-konvenut ha s-servizz. Il-konvenut hallas il-maggor parti ta' l-ammonti dovuti qabel inghata s-servizz u dan a bazi ta' stejjem illi inghata.

Illi l-bilanc li qed jigi pretiz mis-socjeta attrici minghand il-konvenut huma bilanci fuq iz-zewg okkazzjonijiet li l-konvenut kien rikoverat l-isptar li b'kollox jammontaw ghal Eur 2,333.25. Id-difiza tal-konvenut hija bbazata fuq il-fatt illi skond hu s-servizz minn tabib partikolari u cioe Mr. Ryan Giordimaina ma inghatax kif suppost, partikolarment minhabba l-fatt li l-konvenut jghid illi ma gewx spjegati r-riskji kollha. Min-naha l-ohra fix-xhieda tieghu, Mr. Giordimaina jghid illi privatament huwa spejga r-riskji kollha.

Illi huwa minnu li t-Tribunal, tul il-process ma giex pprezentat b'xi danni monetarji jew talbiet ta' likwidazzjoni rizultat tad-danni sofferti mill-konvenut kagun tas-socjeta attrici. Anzi, l-konvenut jafferma li huwa qatt ma ha xi azzjoni tul dawn is-snin kollha sabiex jikkwantifika jew jitlob xi danni illi issa qed ipoggi bhala difiza tieghu.

Illi dan it-Tribunal, huwa marbut bil-kompetenza tieghu, illi jhares biss lejn it-talbiet ta' flus u f'dan ir-rigward, irid janalizza jekk dak l-ammont mitlub mis-socjeta attrici hux dovut u f'liema ammont.

Illi l-konvenut, fl-ebda parti mill-process ma kkontesta illi l-ammonti mitluba huma ta' servizzi li ma inghatawx. Jghid biss il-konvenut, illi parti mis-servizz, skond hu, ma inghatax tajjeb ghaliex wassal biex huwa spicca b'sieq itwal minn ohra. Izda anke f'dan ir-rigward, it-Tribunal ma jistax ma jigbidx l-attenzjoni, illi l-konvenut ma gab l-ebda prova sabiex jikkontesta jew imeri dak li qalu t-tobba li kkuraw lill-konvenut partikolarment lis-sur Ryan Giordimaina.

Fil-fehma tat-Tribunal, it-tobba spjegaw pass, pass, il-kura u l-mizuri li hadu sabiex jaghtu l-ahjar kura lill-konvenut. Is-socjeta attrici zgur li ma kellha l-ebda kontroll fuq il-kumplikazzjonijiet li rrizultaw minhabba mard fil-kliewi u li wassal sabiex il-konvenut jaghmel iktar granet minn dak ippjanat. L-istess jinghad ghall-bzonn sabiex il-konvenut jerga jidhol l-isptar ghal jumejn ohra. Fil-fatt, il-konvenut hallas ghal din it-tieni okkazzjoni tas-7 ta' Lulju 2020.

Illi huwa minnu u mhux kontestat illi r-rizultat ta' l-operazzjoni tal-hip replacement ma kienetx perfetta. Izda is-sur Giordimaina spjega illi dan ir-riskju jezisti f'din it-tip ta' operazzjoni u li hemm rimedji ghaliha kif fil-fatt ghamel l-istess konvenut. Min-naha l-ohra l-konvenut ma gab l-ebda prova biex juri lil dan it-Tribunal (stante illi dan it-Tribunal mhux kompetenti fil-medicina) illi dak li qed jispjega s-sur Giordimaina fuq il-qasam tal-professjoni tieghu mhux veritier.

Illi ghar-rigward tal-fatt illi wara l-operazzjoni spicca b'sieq itwal minn ohra, anke jekk it-Tribunal kellu joqghdod fuq it-tezi tal-konvenut illi ma kienx gie spjegat lilu dan ir-riskju, xorta jibqa l-fatt illi tali 'difett' ma setax jigi attribbwit lis-socjeta attrici. Fil-fehma tat-Tribunal, is-socjeta attrici bhala sptar, li toffri servizzi medici b'tobba u surgeons li jistghu jintghazlu mill-pazjent stess, bhal ma kien dan il-kaz (ghaliex il-konvenut kien mar privatament ghand is-sur Giordimaina) , ma tistax tinzamm responsabbli ghal xi problemi li jinqalghu waqt operazzjoni.

**Decide**

Ghaldaqstant, dan it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa t-talba attrici u konsegwentament jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' elfejn tliet mija tlieta u tletin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (Eur 2,333.25) bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena fuq dan l-ammont dekorribbli mill-15 t'Ottubru 2021 u li jibqa' ghaddej u jiddekorri sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri ghandhom ikunu a karigu tal-konvenut.

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur